MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 83/2002

Citazzjoni numru 83/2002

Richard Buttigieg

-vs-

Mary Grace Buttigieg, olim mart Richard illum minnu divorzjata, Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex u Mary Grace Buttigieg li b'digriet tat-12 ta' Settembru 2002 giet nominata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri Kendra Buttigieg

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ippremetta:

“illi l-attur izzewweg lil Mary Grace nee’ Mercieca fil-15 ta’ Novembru 1997 u ftit wara iz-zwieg huma emigraw lejn l-Istati Uniti ta’ l-Amerika;

U illi hemmhekk iz-zwieg taghhom ma damx ma tkisser, u fil-fatt fl-14 ta’ Frar 2001, saret applikazzjoni ghal divorzju quddiem il-Qorti Suprema ta’ New York State illi ggib in-numru ta’ indici 304608/01, u illi giet degretata finalment fil-15 ta’ Mejju 2001;

Illi l-attur qatt ma ikkoabita ma’ martu wara l-14 ta’ Frar 2001, u ghaz-zmien kollu bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel is-17 ta’ Dicembru 2001 u in effetti kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar maghha minhabba li kienu boghod minn xulxin;

U illi di piu, l-attur u martu kienu de facto mifrudin minn xulxin sa minn qabel l-14 ta’ Frar 2001 u minn qabel dik il-gurnata - u certament ghaz-zmien kollu bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel is-17 ta’ Dicembru 2001 - qatt ma regghu irrikonciljaw ma’ xulxin;

U illi sussegwentement l-attur sar jaf illi martu welldet tarbija li inghatatilha l-isem Kendra Buttigieg fis-17 ta’ Dicembru 2001, twelid illi sehh fl-Isptar Generali, Victoria, Ghawdex.

U illi l-attur huwa fi grad illi jipprova illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel is-17 ta’ Dicembru 2001 - martu ghamlet adulterju u hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija minnu, u l-attur lest illi anke jissottometti ruhu u, bl-approvazzjoni tal-Qorti lit-tarbija u lil martu, ghal testijiet u provi genetici li ghandhom jeskludu l-paternita’ tieghu tat-tifla;

U illi in fatti l-konvenuta ippruvat tirregistra lit-tarbija bhala bint “missier mhux maghruf”, izda t-talba taghha giet rigettata mill-konvenut l-iehor id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex;

U illi l-attur sar jaf bit-twelid ta’ Kendra Buttigieg ferm wara li sehh it-twelid; ezattament meta gie mitlub minn

martu jipproduci affidavit li jghid illi huwa mhux missier din it-tarbija;

U illi l-attur kien jghix u jirrisjedi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, minn fejn irritorna biss ftit gimghat qabel il-prezentata ta' din ic-citazzjoni.

Talab li premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, m'ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmija minuri Kendra Buttigieg mhix bint naturali ta' l-attur Richard Buttigieg;

2. tordna ghalhekk illi l-att tat-twelid ta' kendra Buttigieg jindika l-fatt illi din hija bint "missier mhux maghruf" pjuttost milli bint l-attur.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Grace Buttigieg kemm f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta l-interessi tal-minuri Kendra Buttigieg fejn eccepiet:

1. illi hija ma topponix u qatt ma opponiet illi fic-certifikat tat-twelid ta' bintha minuri ma jkun hemm l-ebda referenza ghall-attur bhala missier it-tarbija.

2. Illi hija sahansitra ghamlet proceduri legali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja sabiex missier it-tarbija Kendra Buttigieg jigi ndikat bhala "missier mhux maghruf" fuq ic-certifikat tat-twelid taghha, izad minkejja ordni moghtija f'dan is-sens mill-imsemmija Qorti, id-Direttur tar-Registru Pubbliku baqa' ma esegwiex dina l-ordni u kwindi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sapportati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt uf il-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Mary Grace Buttigieg kemm f’isimha proprju kif ukoll bhal akuratur deputat tal-minuri Kendra Buttigieg li eccepiet:

1. illi hija taqbel mat-talbiet ta’ l-attur cioe’ illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-bint minuri Kendra Buttigieg mhix il-bint naturali ta’ l-attur Rihcard Buttigieg u konsegwentement tordna li l-att tat-twelid ta’ l-istess Kendra Buttigieg jindika illi din hija bin “missier mhux maghruf”.

2. Illi pero’ l-eccipjenti m’ghandha tbati l-ebda spejjez ta’ din il-kawza stante illi hija riedet mill-bidunett li t-tarbija tigi registrata kif qed jitlob l-attur. Infatti hija stitwiet l-proceduri legali opportuni u minkejja l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja d-Direttur tar-Registru Pubbliku baqa’ jsostni li ma jirregistrax it-tarbija bhala bint “missier mhux maghruf” u nsista li din tigi registrata fuq isem l-attur Richard Buttigieg. Minhabba din l-insistenza tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku l-eccipjenti ghadha sal-lum ma rregistratx it-tarbija minuri taghha Kendra Buttigieg. Ghaldaqstant hija m’ghandha tbati l-ebda spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-Qorti qeghdha tisfilza mill-atti n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Diretur tar-Registru Pubbliku billi pprezentata “fuori termine”.

Illi mill-kumplament t-talbiet ta’ l-attur jisthoqqilhom jigu akkolti billi minn dak li kkonstatat din il-Qorti, kemm minn xhieda u kemm mid-dokumenti esebiti in atti, irrizultalha li huma sodisfatti fil-kaz ta’ l-attur odjern id-disposittivi ta’ l-Artikolu 70(1)(a)(b), 73 u 75 tal-Kap 16.

Illi rigward l-ispejjez tal-kawza l-istess ghandhom jigu sopportati interament mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi jidher car li l-istat ta' fatt li bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel l-attur kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu kienet tirrizulta fic-car kif ikkonstatat l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u dan apparti l-kontumacja tieghu.

Ghal dawn il-motivi.

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispjjez li ghandhom jithalsu fl-intier mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Ghar-Registratur

Vera kopja

D/Registratur

-------------------------------TMIEM-------------------------------